# MAR IFITTEX IL-MILIED

Il-Mulej Gesu' kien ghaddej mill-kuriduri wiesgha u sbieh tas-smewwiet meta iltaqa' ma' Giovanni l-iskultur. Giovanni x'hin lemhu miel minn qaddejh 'l isfel bhala sinjal ta' qima. Gesu' waqaf quddiemu u staqsieh: " Giovanni min jaf kemm ghamilt xbihat, kbar u zghar tieghi, ghall qima tal-fidili?"

U Giovanni wiegbu: " Anqas nghoddhom daqs kemm ghamilt u l-aktar xbihat zghar ta' figurini ghall-presepji."

"Nista' nghidlek li dawk li ghandhom xi xoghol minn tieghek japprezzawh ferm. Halli nhallik, Giovanni ghax jehtiegli mmur fis-sala tal-gudizzju."

Wara li ggudika dawk l-erwieh li dehru quddiemu dak inhar, Gesu' iddecieda li fil-jum tal-Milied, li kien jahbat l-ghada, jiccahhad miz-zjajjar li kien jaghmel fid-djar ta' dawk li Hu kien jaf li jhobbuh bil-verita' u jinzel fid-dinja go belt moderna biex jara l-bnedmin midimbin, li ghalihom kien nizel fid-dinja meta twieled gewwa Betlem, x'kienu qed jaghmlu fil-jum li fih suppost jiccelebraw jum twelidu.

Il-Milied….Il-Milied… Il-ferh kien wiehed universali.

Kulhadd kien qed jiccelebra u jifrah. Kristu ltaqa' ma' pulizija totalment mitluf fi dmiru jidderigi t-traffiku. Kristu resaq fuqu u staqsieh: " Din il-vakanza tal-Milied xi tfisser?"



Il-Pulizija taha daqqa t'ghajn bhallikieku ried jghidlu: Inti waqajt minn xi pjaneta 'l boghod minn hawn?, imbaghad staqsieh: " Inti minn fejn gej?"

“Jiena gej minn Betlem,” qallu Kristu.

“Minn fejn?” staqsieh il-pulizija ghax ried ikun cert li sema’ sew.

“Betlem”

“OH? Hi fejn hi, ma tafx li l-Milied hija festa u vakanza ghat-tfal? Huwa jum ta’ mistrieh ghal kulhadd.”

“U x’hin huwa l-origini ta’ din il-vakanza?”

“Isma’ Mr. kemm qed tistaqsi mistoqsijiet. Ma tarax kemm ghandi x’naghmel? Jekk trid taf aktar mur u staqsi lic-chief tieghi.”

Kristu telaq u mexa’ fit-toroq tal-belt. Hemm lemah hafna hwienet; ma kienx hemm hanut wiehed li ma kienx jesponi rigali u hwejjeg ohra b’mod attraenti biex in-nies tithajjar thares lejhom u tixtrihom. Wara dan il-genn kollu x’kien hemm mohbi? Il-konsumizmu bla razan.  U n-nies diehla u hierga mill-hwienet tixtri u timla’ il-basktijiet. “Imma lili xi hadd xtrali xi rigal minn dawk li bihom hiergin ‘l barra mill-hwienet?”, haseb bejn u bejn ruhu Gesu’. “Le. il-qalb taghhom hija ‘l boghod minni. X’hasra li tilfu kull sens tal-Milied.”

Waqaf quddiem restorant li kellu pubblicita’ ta’ Festin tal-Milied – 50 dollaru kull persuna. Biex tidhol gewwa tippartecipa fil-festin trid tkun liebes eleganti. U Kristu dahal gewwa.

L-imwejjed kienu miksija bi tvalji bojod daqs is-silg u fuq kull mejda kien hemm qasrija zghira bi pjanta tal-ponsjetta hamra.



Il-platti kienu rrangati b'hila kbira u hdejhom kien hemm is-srievet flimkien ma' l-imgharef, kuccarini, skieken u frieket, kollox imqieghed skont is-sengha. Flixken ta' imbid fin u tajjeb kienu fi bramel zghar mimlija silg, imqieghda fuq bankun fuq in-naha tal-lemin tas-sala ta' l-ikel.

Il-*head waitress* daret lura u meta rat il-Mulej ghajtet ma' wiehed mill-lavranti u qaltlu bir-rabja: "Mela inti rieqed biex ma rajtx lil dak ir-ragel diehel hawn. Minn meta sirna nhallu jidhlu t-tallaba?"

Il-lavrant, zaghzugh ta' xi ghoxrin sena, li ma kienx ilu jahdem ta' waiter f'dak il-post aktar minn xahar, gera' lejn Kristu u

qallu:" X'inti taghmel hawn? F'dan il-post ma hux permess ghat-tallaba. Mur 'l barra."

Kristu ta harsa liz-zaghzugh. " Kieku taf x'qed nitlob..."

Imma l-lavrant kien diga' imbotta l-Kristu barra mir-restorant. Dak il-hin il-pjanista mara kienet qed idoqq "U Paci fl-art…. "Anqas is-suldati Rumani ma kienx daqshekk hfief.

Il-follol li kien hemm barra garrew il-Kristu 'l hemm u 'l hawn bhalma xmara ggorr dak kollu li jkun f'wicc l-ilma taghha. Ra hwienet, storijiet u anke swieqi tal-Milied. Izda mkien ma ra imqar maxtura bit-tarbija Gesu' fiha jew xi presepju li jgaghlek tahseb fil-misteru tat-twelid ta' Kristu gewwa Betlem.

Imbaghad ghajnejn il-Mulej marru fuq koppja mizzewga, iggor xi sorror prezzjuzi. Kienu jidhru li kienu nies kwieti, mghaggla biex jaslu x'imkien halli jiccelebraw il-Milied.

Ma damx wisq miexi, meta fit-tarf tat-triq Kristu sab ruhu hdejn playground ta' skola kbira. Fuq id-dahla tal-playground board kbir kien jghid li hemm party ghat-tfal tad-distrett numru 10.

Kristu ha pjacir meta hemmhekk qara li ser ikun hemm it-tfal. Fil-fatt kien hemm mijiet gewwa, jircievu r-rigali, helu u kotba. Kien jigru 'l hawn u 'l hemm, imma dejjem taht is-sorveljanza ta' l-ghalliema u nisa ohra, ilkoll immexxija mill-kap ta' l-iskola. U

ghal darb'ohra la kurcifiss u anqas presepju u hadd ma semma' l-isem tal-Bambin Gesu'.

Kif Kristu kien hemm hassu barru minn loku. Hemm ma kienx postu u dezolazzjoni mlietlu lil qalbu. Kien barrani. Kristu resaq fuq tfajjel li kellu xi rigali lesti biex johodhom id-dar mieghu. Gesu' miel rasu u qallu: " Ghaziz inti thobbu lill-Bambin Gesu' li tak daqshekk rigali?"

It-tfajjel iccassa lejn Gesu' u qallu mistghageb: " L-Bambin Gesu'?"

"Mela ma tafux?" staqsieh Gesu'.

"Le…"

Il-kap ta' l-iskola, meta rat lit-tfajjel jitkellem ma' barrani resqet fuq it-tfajjel u qaltlu:" X'qallek dan ir-ragel?" Meta saret taf x'kien staqsieh Gesu' u l-isem li semma ghajnejha ntelew bil-fastidju u qaltlu" Kun gentili u itlaq.. bla dewmien." Kristu kompla miexi tul it-toroq twal tal-belt, minghajr ma dahal f'aktar postijiet. Mexa' u mexa' bhalma kienet ghamlet ommu u missieru Guzeppi gewwa Betlem f'dik l-istess lejla u fl-istess data tant zmien ilu. Kull fejn ihares jilmah biss il-kreaturi tieghu jiccelebraw il-Milied minghajr ma jafu l-vera tifsira tieghu.

Huwa ma xtaqx jirritorna lura lejn is-smewwiet pajjizu b'dawn l-osservazzjonijiet ghax taghrif bhal dan zgur li kien isewwed il-qaddisin tieghu.

Issa kien ghajjien u wasal tista' tghid fil-periferija tal-belt. Gibidlu l-attenzjoni bini abjad imzejjen bid-dwal. Resaq lejn il-bini u ttawwal gewwa minn wahda mit-twieqi. Ha nifs 'l gewwa bhal qisu ta' sodisfazzjoni. Fuq il-hajt lemah ix-xbiha tieghu imdendla prominenti ma' wiehed mill-hitan. Ghajnejn Gesu' intlew bil-ferh meta nnota li f'rokna tal- kamra kien hemm maxtura semplici imma imzejna b'mod attraenti.

Dak il-hin tfajjel fetah il-bieb u nhasad meta quddiemu quddiem ra dan il-bniedem ta' xaghru tad-deheb. Ir-rih kiesah kien qed itajjarlu x-xaghar li kien jinzel fuq ghonqu.

"Sinjur hemm barra thoss il-kesha. Idhol gewwa u ishon quddiem in-nar tac-cumnija," stiednu t-tfajjel.

"Veru li hawn il-kesha barra," wiegbu l-Mulej li accetta l-istedina. Hdejn ic-cumnija Gesu' ra sacerdot zaghzugh imdawwar minn grupp zghir ta' tfal. Kien qed jirrakontalhom l-imhabba kbira li l-Mulej Alla ghandu lejn il-bnedmin meta zmien ilu baghat lil uniku Iben tieghu jismu Gesu' biex isalvana. Waqaf ir-rakkont tieghu meta Gesu' dahal gewwa.

"Idhol, idhol u oqghod hdejn in-nar biex tishon ftit."  Xi hadd mit-tfal qam u ceda' postu lil Gesu' hdejn in-nar.

"Kilt xi haga? Ara Guzeppi mur ghid lis-soru biex thejji xi haga shuna u xi lkel ghal dan il-mistieden taghna," qal is-sacerdot lit-tfajjel,

Gesu' hares lejhom wiehed wiehed bhallikieku ried jiftakar wicc kull wiehed. U fuq kollox ta harsa lejn is-sacerdot zaghzugh. Is-sacerdot zaghzugh staqsa lil Gesu:" Inti wahdek, habib?"



“Iva”

Ghall-kliem ta’ Gesu’ kulhadd tefa’ harstu lejh. Ma tkellimx, izda refa’ idejh u firixha fuq kull min kien prezenti fil- kamra. U b’ton li dawk prezenti zgur ma jinsewx esklama: “ Il- ferh tas-sema jinzel fuqkom u jibqa’ maghkom ghal dejjem ta’ dejjem ghax intom gharaftu ticcelebrtaw jum twelidi kif inhu xieraq.”

U gheb min quddiemhom. Wiehed mit-tfal ghajjat:” Dak kien Gesu’”

U s-sacerdot wiegeb lura: “ Iva….Dak kien HU.”